



Brussell, 17 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9723/24

CDR 68

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz tal-ittri tas-7 ta' Diċembru 2023¹ u tad-19 ta' Diċembru 2023², is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Josef FREY, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, u bit-tmiem tal-mandat li abbażi tiegħu għiet proposta għall-ħatra u maħtura s-Sa Heike SCHARFENBERGER, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tagħhom, il-Gvern Ġermaniż ippropona³ lis-Sur Niklas NÜSSLE, *Mitglied des Landtages von Baden-Württemberg* (Membru tal-Parlament tal-Istat ta' Baden-Württemberg), u s-Sur Gregory SCHOLZ, *Mitglied des Landtages von Rheinland-Pfalz* (Membru tal-Parlament tal-Istat ta' Rhineland-Palatinate), rappreżentanti ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

¹ 16639/23.

² 5160/24.

³ 9698/24 u 9766/24.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 9721/24 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
-